MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 32/2011

**Matthew Farrugia**

**vs**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Matthew Farrugia datat 10 ta’ Awwissu 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

1. Illi fit-28 ta’ Lulju 2011 it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ta decizjoni preliminari illi permezz taghha laqa’ l-eccezzjoni legali sollevata mill-Awtorita’ appellata illi l-appell gie pprezentat *fuori termine* u konsegwentement iddikjara l-appell prezentat mill-umli appellant bhala null billi ma giex ipprezentat entro t-terminu preskritt mil-ligi.

2. Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk qed jinterponi dan l-umli appell illi certament jirrigwarda punt ta' dritt u li kwindi jaqa' fil-mansjonijiet u l-poteri ta' din il-wisq Onorabbli Qorti biex jisma', jaqta' u jiddeciedi.

3. Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti kif se jigi spjegat f'dan l-umli rikors tal-appell u matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

4. Illi l-fatti in succint huma s-segwenti - kienet giet sottomessa applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ghall-bdil ta' uzu ta' post ghal *snack bar* mis-sid ta' dak iz-zmien, certu Anthony Zahra. Din l-applikazzjoni giet rifjutata u sussegwentement l-appellant odjern Matthew Farrugia - li fil-frattemp kien xtara l-post minghand Anthony Zahra - ipprezenta applikazzjoni ghal rikonsiderazzjoni quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp. Din l-applikazzjoni prezentata mill-appellant odjern *qua* applikant - kif jirrizulta mill-istess formola tal-applikazzjoni ghal rikonsiderazzjoni - giet rifjutata (u hareg l-enforcement order Numru ECF490/10) izda d-decizjoni ma gietx notifikata lill-appellant li kien il-persuna li applika ghar-rikonsiderazzjoni izda lil Anthony Zahra illi kien ipprezenta l-applikazzjoni originali ghall-permess. Naturalment l-imsemmi Zahra ma kien ghad fadallu ebda interess fil-kaz (anzi fir-realta' kellu *semmai* l-interess li jhalli kollox sieket) m'gharraf b'xejn lill-appellant odjern li sar jaf bid-decizjoni *tramite* ricerka li ghamel il-perit tieghu izda naturalment lahaq ghadda hafna zmien. Meta l-appellant ipprezenta l-appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, l-awtorita' appellata ssollevat in-nullita' tal-appell ghaliex skont hi kien gie prezentat *fuori termine.*

5. Illi l-appellant jirrileva u jissottolinea b'tipa l-izjed hoxna l-fatt illi d-decizjoni tar-rifjut tar-rikonsiderazzjoni ma gietx notifikata lill-appellant odjern Matthew Farrugia izda giet notifikata lill-applikant li kien originarjament issottometta l-applikazzjoni ghall-hrug tal-permess, u cioe' 'l fuq imsemmi Anthony Zahra, u dan **minkejja l-fatt li** l-applikant fil-procedura ghar-rikonsiderazzjoni ma kienx Anthony Zahra izda l-appellant odjern Matthew Farrugia u

dan kif jirrizulta kjarament mill-istess formola pre-stabbilita u mahruga mill-MEPA stess li permezz taghha saret it-talba ghar-rikonsiderazzjoni.

6. Illi l-appellant ipprezenta l-appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ghaliex sar jaf bid-decizjoni tad-DCC *tramite* l-perit tieghu u ghadda biex jipprezenta l-imsemmi appell minkejja illi huwa qatt ma kien gie notifikat bid-decizjoni tad-DCC kif trid il-ligi. Di fatti l-uniku notifika illi rcieva l-appellant odjern kienet in-notifika tal-*enforcement order* illi saret fis-17 ta' Settembru 2010 u l-appellant ipproceda biex jipprezenta l-appell tieghu fit-12 t'Ottubru 2010 [u cioe' *entro* t-terminu ta' 30 gurnata] liema appell, kif jirrizulta kjarament mid-dicitura tal-appell sottomess, kien qed isir <u>kemm</u> mid-decizjoni tar-rikonsiderazzjoni moghtija mid-DCC in rigward ta' PAS 19/09 <u>u kif ukoll *mill-Enforcement Order* ECF00490/10.</u>

7. Illi l-Awtorita' appellata qajmet l-eccezzjoni preliminari illi l-appell gie sottomess tardivament u cioe' mhux *entro* t-terminu ta' 30 gurnata mid-decizjoni li fiha d-decizjoni tar-rikonsiderazzjoni tad-DCC giet notifikata. Issa, ghalkemm fattwalment huwa minnu illi l-appell gie sottomess ferm wara n-notifika tad-decizjoni tad-DCC fil-procedura tar-rikonsiderazzjoni, il-punt kardinali huwa illi effettivament id-decizjoni tad-DCC **ma gietx notifikata lill-applikant li kien issottometta l-applikazzjoni ghar-rikonsiderazzjoni** u cioe' l-appellant Matthew Farrugia u dan in-nuqqas certament ma setax u ma kellux jimmilita kontra l-appellant odjern Matthew Farrugia u jcahhdu mid-dritt tieghu illi jinstema' u jigi deciz l-appell minnu pprezentat. Ghal darb'ohra jigi sottolineat il-fatt illi l-formola li biha ssir it-talba ghar-rikonsiderazzjoni [liema formola hija wahda pre-stabbilita u mahruga mill-MEPA nnifisha] tippreskrivi - proprju fuq nett tal-istess formola - dan li gej: "Name / Address of Applicant". Fil-formola li giet ipprezentata bit-talba ghar-rikonsiderazzjoni *n-Name of Applicant* huwa **Matthew Farrugia** (u hadd izjed) u gie ndikat ukoll l-indirizz tieghu u ghaldaqstant l-obbligu tal-MEPA kien kjarament illi tinnotifika d-decizjoni tar-rikonsiderazzjoni lil **Matthew Farrugia** (u lil hadd hliefu) ghaliex l-applikant fil-procedura tar-rikonsiderazzjoni kien

biss **Matthew Farrugia** (u hadd hliefu). Altrimenti, kieku kellu jitqies mod iehor, mhux biss ma tkunx qed issir gustizzja sostantiva ghaliex hadd m'ghandu jigi mcahhad mid-dritt tal-appell fuq teknikalita' u dan *di piu* meta l-appellant odjern zgur li ma jahti xejn ghall-akkadut, izda fuq kollox tkun qed issir ingustizzja kbira mal-appellant ghaliex zball jew nuqqas da parti tal-MEPA li naqset li tinnotifikah bid-decizjoni tad-DCC fil-procedura tar-rikonsiderazzjoni minkejja li kjarament kien hu u hadd hliefu l-applikant f'dik il-procedura tkun se timmilita u tahdem kontra tieghu u b'hekk tkun qed issir ingustizzja doppjament.

8. Illi tant hu hekk illi dan in-nuqqas jew lacuna issa gie kolmat bil-fatt illi dahlet il-procedura *tac-change of applicant form* li sa dak iz-zmien ma kinitx tezisti. Sa dak iz-zmien kien ghad hemm biss *ic-change of architect form izda* mhux *ic-change of applicant form.* Tant hu hekk illi l-htiega tal-prezentata ta' formola ta' bdil tal-applikant ma kinitx tezisti taht il-ligi l-antika (illi tirregola l-proceduri tal-appell quddiem it-Tribunal) u tali htiega nholqot biss a tenur tal-provvedimenti tal-ligi l-gdida u cioe' l-**Att Numxu X tas-sena 2010** illi dahlet fis-sehh fit-30 ta' Novembru, 2010, wara li l-appell quddiem it-Tribunal kien diga gie pprezentat u ghalhekk certament li ma tapplikax retorattivament.

9. Illi fid-decizjoni sommarja tieghu t-Tribunal skarta dawn il-punti kollha illi qed jitressqu f'dan l-umli rikors tal-appell bhala aggravji, u li kienu diga gew sollevati quddiem it-Tribunal f'nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-appellant. Fid-decizjoni tieghu t-Tribunal qal li m'hemmx kontestazzjoni dwar id-dati ta' meta giet notifikata d-decizjoni tad-DCC tar-rifjut tar-rikonsiderazzjoni (liema decizjoni pero' ma kinitx giet notifikata lill-appellant izda lil Anthony Zahra, kif fuq estensivament imfisser) u d-data ta' meta dahal l-appell. It-Tribunal tenna li kien hemm l-obbligu li timtela' *c-change of ownership / applicant form* liema obbligu pero' ma kienx jezisti u dahal fis-sehh biss taht il-ligi l-gdida u wara li kien gie pprezentat dan l-appell. Ghaldaqstant il-motivazzjonijiet tat-Tribunal fl-ghoti ta' din is-sentenza ma jreggux.

Ghal dawn il-motivi, l-umli esponent, filwaqt illi jgib is-suespost a formali konjizzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti, u filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi diga prodotti u s-sottomissjonijiet kollha diga maghmula fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u filwaqt li jirrizerva d-dritt li jgib dawk il-provi u jaghmel dawk is-sottomissjonijiet li talvolta jista' jkunu permessi mil-ligi, jitlob bir-rispett lil din il-wisq Onorabbli Qorti joghgobha tannulla s-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fit-28 ta' Lulju 2011 li permezz taghha giet akkolta l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita' appellata illi l-appell prezentat huwa null ghax gie prezentat *fuori termine,* u tilqa' dan l-appell odjern u tibghat lura l-atti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex l-istess appell jigi trattat u deciz fil-mertu, u dan bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita' intimata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Frar 2012.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 27 ta' Jannar 2012 a fol 9 tal-process, fejn permezz taghha esebiet vera kopja tal-*file* tat-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet "**Matthew Farrugia vs Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat ir-risposta tal-Appell ta' l-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar datata 6 ta' Frar 2012 a fol 10 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hija gusta u timmerita konferma.

2. Illi *a tenur* tal-provvedimenti tal-**artikolu 41 (2) tal-Kap. 504**, it-terminu illi fih jista' jsir appell quddiem it-tribunal huwa ta' tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika tad-decizjoni jew ordni mill-Awtorità.

3. Illi fil-kaz odjern, l-appellant m'hux qed jikkontesta l-fatt illi l-appell minnu intavolat quddiem it-Tribunal ma giex

sottomess entro t-terminu ta’ tletin (30) jum - izda ferm wara – n-notifika tad-decizjoni tad-DCC fil-procedura tar-rikonsiderazzjoni. Il-punt ta’ kontestazzjoni imressaq mill-appellant huwa illi d-decizjoni tar-rifjut tar-*reconsideration* ma’ gietx notifikata lill-appellant odjern imma lil Anthony Zahra li kien l-applikant originali.

4. Anthony Zahra kien il-persuna li ghamel l-applikazzjoni originali fil-waqt li l-appellant odjern kien ghamel it-talba ghar-*reconsideration* meta l-applikazzjoni originali kienet giet rifjutata. L-appellant iddikjara illi huwa induna li kien ha rifjut meta kien ircieva n-notifika tal-*enforcement notice* fis-17 ta’ Settembru 2010. Ghaldaqstant l-appellant qed isostni illi kien zball tal-Awtorita’ li ma nnotifikatux bir-rifjut la kien hu li applika ghar-*reconsideration.* Hu jiddikjara li kien ghalhekk li ma dahhalx l-appell tieghu *entro termine.*

5. Illi l-Awtorita’ appellata umilment tissottometti illi galadarba l-applikazzjoni originali ghall-hrug ta’ permess ghal bdil tal-uzu tal-post in kwistjoni ghal-*snack bar* kienet giet sottomessa minn Anthony Zahra, l-Awtorita’ ma setatx tirrikonoxxi lill-appellant bhala l-applikant il-gdid minhabba r-ragunijiet segwenti:

i) Meta, fuq applikazzjoni ta’ *reconsideration,* jkun inbidel l-applikant, huwa fl-interess u fl-obbligu tal-istess applikant il-gdid - *qua l-appellant* - illi jinforma l-Awtorita’ dwar l-istess u jressaq talba ghal bdil tal-applikant. Illi mill-provi dedotti quddiem it-Tribunal, irrizulta bl-aktar mod lampanti, illi l-appellant fl-ebda hin ma informa lill-Awtorita’ bic-*change of applicant* - ossia illi huwa jigi rikonoxxut bhala l-applikant il-gdid. Kullma ghamel l-appellant kien illi indika ismu u l-indirizz tieghu fuq l-applikazzjoni ghar-*reconsideration* u dan zgur li ma jwassalx ghall-*change of applicant* - kif qed jipprova jallega l-appellant - *stante* illi l-prassi minn dejjem addottata f’kazijiet simili hija illi l-applikant il-gdid jinforma lill-Awtorita’ b’talba ghall-bidla fl-applikant ad hoc; haga illi l-appellant naqas milli jghamel fil-kaz *de quo.* Ghaldaqstant l-appellant ma jistax jallega li d-decizjoni tat-Tribunal qed tohloq ingustizzja fil-konfront

tieghu, meta kien hu stess, li bin-negligenza unika tieghu, naqas li jinforma lill-Awtorita’ bil-bidla fl-applikant.

ii) Illi apparti minn hekk lanqas hu verosimili li l-appellant ma kienx jaf bir-rifjut tar-reconsideration. Ghax kif l-appellant kien jaf bir-rifjut originali – tant li hu stess ressaq talba ghal reconsideration – hekk ukoll kien jaf bir-rifjut tar-reconsideration u m’ghamel xejn dwarha u issa qed jipprova jara ma x’hiex ha jiggranfa biex jintavola appell.

iii) Apparti min kollox bil-qima jinghad illi huwa obbligu ta’ min jipprezenta atti illi jsegwi l-istess u mhux ma jghatix kaz umbaghad wara hafna zmien jittenta appell u jipprova jevadi l-eccezzjoni tal-*fuori termine* billi jghid li hu qatt ma gie notifikat bid-decizjoni, meta l-proceduri li jkunu wasslu ghal dik id-decizjoni jkun bdihom proprju hu. Il-Ligi trid l-istabbilita u ghalhekk hemm it-termini entro xiex iridu jigu pprezentati l-atti ghax kieku mhux hekk tirrenja l-incertezza.

iv) Illi *in oltre* l-appellant qed jipprova jifta’ r-responsabbilta’ ghan-negligenza tieghu fuq l-Awtorita’ appellata billi jargumenta illi l-formula ta’ *change of applicant* dahlet fis-sehh recentament u ghaldaqstant ma kellux l-obbligu illi jinforma lill-Awtorita’ bil-htiega ghal bidla fl-applikant. Dan m’hu veru xejn ghaliex il-htiega tac-*change of applicant* huwa rekwizit li min dejjem kien jezisiti. Ghaldaqstant l-argument tal-appellant huwa ghal kollox infondat.

v) Illi finalment bil-qima jinghad illi anke l-argument tal-appellant li bhal donnu qed jippretendi li d-decizjoni tar-reconsideration kellha bilfors tigi notifikata lilu biex jibda jiddekorri t-terminu ghall-appell hija infondata peress li l-artikoli li jitkellmu dwar il-perijodu entro liema jista jsir l-appell wara reconsideration (**art 73 (2) u 74 (2) tal-Kap 504**) kullma jghidu huwa li l-appell irid isir *entro* (tletin) 30 jum minn <u>notifika tad-decizjoni</u> u ma jispecifikawx lill min trid issir tali notifika. Ir-raguni titlob illi la darba hawn *si tratta* ta’ talba ghal *reconsideration* – sakemm ma dak li jkun ma javzax lill-awtorita b’mod specifiku (u mhux ez billi jimla’ l-formola ta’ reconsideration hu flok l-applikant

originali) li kien hemm bidla fl-applikant allura huwa perfettament lecitu li n-notifika tad-decizjoni issir lill-appikant originali.

Illi ghalhekk huwa car li l-appell tal-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud *in toto*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tichad *in toto* l-appell tar-rikorrenti bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Frar 2012 a fol 14 tal-process fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Chris Cilia ghall-appellant u Dr. Noel Bartolo ghall-awtorita' appellata. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett t'ostakolo ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravju odjern huwa fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hija zbaljata legalment ghaliex l-appell li sar mill-appellant odjern wara r-rifjut ta' rikonsiderazzjoni ma kienx *fuori termine* kif deciz mit-Tribunal u dan ghaliex huwa kien il-persuna li ghamel it-talba ghar-rikonsiderazzjoni, u huwa qatt ma gie notifikat b'tali decizjoni ta' rifjut u allura t-terminu ta' appell ta' 30 gurnata mid-data li tali decizjoni ta' rifjut tigi notifikata ma bediex jghaddi.

Illi t-Tribunal iddecieda li l-appell mir-rikonsiderazzjoni kien sar *fuori termini* peress li kien sar hafna wara li d-decizjoni ta' rifjut ta' rikonsiderazzjoni kienet notifikata lill-applikant originali Anthony Zerafa u allura t-terminu ta' l-appell ghall- tali rifjut ta' rikonsiderazzjoni kellu jaghddi minn dak in-nhar tar-rifjut li saret fil-15 ta' Lulju 2010 u dan skont id-

disposizzjonijiet tal-**artikolu 41 (2) tal-Kap. 504** qabel l-**artikolu 1 tat-Tielet Skeda tal-Kap. 356.** B'hekk l-appell gie ddikjarat li sar *fuori termine*.

Illi din il-Qorti tinnota li t-talba ta' rikonsiderazzjoni attwalment saret mill-appellant odjern u huwa sinifikattiv li l-okkju tal-procedura quddiem it-Tribunal ghal dan l-appell dejjem saret f'isem l-appellanti. Mela allura din il-Qorti thoss li kien jidher car mal-prezentata tal-atti ta' rikonsiderazzjoni li tali talba ghar-rikonsiderazzjoni saret mill-appellant, u dan mhux fil-*veste* tieghu ta' terza parti interessata izda ta' parti tant li fil-fatt in-notifiki kollha saru lill-appellant, u fir-rikonsiderazzjoni stess huwa ndikat bhala l-applikant.

Illi mhux hekk biss izda jidher li l-appell sar kemm mid-decizjoni ta' rifjut ta' rikonsiderazzjoni kif ukoll mill-Avviz biex Tieqaf u tat-Twettiq ECF 00490/10 u certament li dwar it-terminu ta' appell minn tali Avviz ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u dan ghaliex dan gie notifikat fis-17 ta' Settembru 2010 u l-appell quddiem it-Tribunal sar fit-12 ta' Ottubru 2010 u allura fit-terminu stipulat fil-ligi. Ma hemmx dubju li l-appell mill-appellanti odjern quddiem it-Tribunal datat 12 ta' Ottubru 2010 tant li din hija diretta kemm lejn id-decizjoni ta' rifjut tat-talba ta' rikonsiderazzjoni u kif ukoll ghall-ordni ta' inforzar, izda dan it-tieni punt lanqas gie biss trattat mit-Tribunal, ghalkemm ma hemmx dubju li tali appell minn tali Avviz, li gie notifikat lill-appellant odjern fis-17 ta' Settembru 2010, sar fit-terminu previst mill-Ligi u ghalhekk fuq dan il-binarju biss l-appell ghandu diga jigi milqugh u dan ghaliex l-appell ikkonsidra l-appell biss fuq ic-cahda ta' *riconsideration*, meta l-appell kien ukoll fuq l-istess avviz. (ara appell fol. 282).

Illi dwar l-appell mir-rifjut tar-rikonsiderazzjoni ma hemmx dubju li tali talba ghar-rikonsiderazzjoni attwalment processata mill-Awtorita' saret mill-appellant odjern u mhux mill-applikant originali u allura hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li t-terminu ta' appell kellu jibda jaghddi minn meta tali decizjoni tigi notifikata lill-istess appellant odjern, li bla dubju assuma l-*veste* tal-applikant, u l-istess Awtorita'

trattatu bhala tali ghaliex fil-fatt ikkonsidrat it-talba ta' rikonsiderazzjoni tieghu u allura ma hemmx dubju li trattatu bhala applikant, u huwa f'dik il-*veste* li huwa talab ir-rikonsiderazzjoni u allura d-disposizzjonijiet kollha citati mit-Tribunal jirreferu ghall-appellant bhala l-persuna li prezentat t-talba ta' rikonsiderazzjoni u allura li assuma l-posizzjoni ta' applikant u legalment u gudizzjarjament dan mhux kwistjoni ta' formoli, ghalkemm jidher ukoll li fil-formula ta' rikonsiderazzjoni din saret dejjem mill-appellant. Jidher car mill-atti li l-appellant odjern kien ikkunsidrat wara t-talba ta' rikonsiderazzjoni tieghu bhala fl-ewwel lok il-persuna li ghamlet it-talba ta' rikonsiderazzjoni u fit-tieni lok bhala l-applikant ghaliex din hija l-unika *veste* li biha saret it-talba ta' rikonsiderazzjoni, u la darba kien hekk, ma huwiex car ghaliex id-decizjoni ta' rifjut ta' rikonsiderazzjoni giet mibghuta lil Anthony Zahra li mat-talba stess ta' rikonsiderazzjoni deher car li huwa ma kienx il-persuna li kellha interess f'din il-procedura, izda kien proprju l-appellant, kemm bhala l-persuna li attwalment ghamlet it-talba u kif ukoll bhala l-persuna li allura assuma, bit-talba stess tieghu ta' rikonsiderazzjoni, il-*veste* ta' applikant u allura huwa naturali u gust anke fil-kuntest tal-principji ta' smigh xieraq li tali notifika ta' tali decizjoni kellha ssir u hija ntiza bil-ligi li ssir lill-appellant bhala l-persuna li ghamel tali talba ta' rikonsiderazzjoni. La darba tali decizjoni ta' rifjut ta' rikonsiderazzjoni qatt ma giet notifikata lill-appellant odjern mela allura ma jistax jinghad li l-appell quddiem dak li llum huwa t-Tribunal saret *fouri termini* ghar-ragunijiet hawn decizi u ghalhekk l-appell odjern qed jigi milqugh.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 6 ta' Frar 2012 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Matthew Farrugia fir-rikors tal-appell tieghu datat 10 ta' Awwissu 2011 u dan in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li**

**din il-Qorti qed thassar u tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar fl-ismijiet "Matthew Farrugia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" datata 28 ta' Lulju 2011 (Appell Numru 282/10 CF – PA 0818/09) b'dan li qed tirrinvija u tibghat lura l-atti lill-istess Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar kompost skont il-Ligi sabiex jittratta l-mertu tal-appell quddiemu skont il-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------